MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 353/2009

**Is-socjeta’ *en nom collectif* MD Said Bros. (P328)**

**vs**

**Brian u Joanne konjugi Theuma**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-25 ta’ Settembru 2009 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta’ sebat elef, sebgha mija u wiehed u sittin Ewro w tlieta u hamsin centesmu (€7,761.53) rapprezentanti bilanc dovut minnhom lis-socjeta’ attrici ghall-materjal lilhom mibjugh u kkonsenjat mill-istess socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficcjali bin-numru 724/2008, l-ittra ufficcjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-numru 4495/2008 u tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 2289/2009, bl-imghax kummercjali

mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati li huma ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Brian u Joanne konjugi Theuma fejn esponew is-segwenti:-

I. *Primarjament l-intimata Joanne Theuma ma hix il-legittimu kontradittur tas-socjeta' rikorrenti u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra is-socjeta' rikorrenti.*
*2. Sekondarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta rikorrenti stante hlas, u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*
*3. Salv eccezzjonijiet ohra*."

Rat il-verbal tal-5 ta' Lulju 2010 kif registrat minn Dr. Daniela Gauci ghas-socjeta' attrici, fejn infurmat lill-Qorti li s-sorte gie mhallas mill-konvenuti fil-mori tal-kawza.

Rat il-verbal tad-19 ta' Ottubru 2010 ta' l-istess Dr. Daniela Gauci fejn infurmat lill-Qorti li l-konvenuti kienu ghadhom ma hallsux l-ispejjez tal-kawza w l-imghax.

Semghet l-attrici Mary Said tixhed fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2010 u tghid li hija wahda mill-Managers tas-socjeta' attrici *en nom collectif* u tghid li l-konjugi Theuma kienu hallsuhom l-ammont kollu msemmi fir-rikors promotur, pero' kien ghad fadal li jigbru l-ispejjez tal-kawza w l-imghax. Tghid li huma rcevew cekk fit-23 ta' Gunju 2010, pero' d-data tal-*invoice* kienet l-4 ta' April 2009, u ghalhekk l-imghax li qed jippretendu huwa minn dik id-data tal-4 ta' April 2009.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li l-ispejjez u l-imghax ghadhom dovuti, ssib li t-talba tas-socjeta' attrici f'dan ir-rigward tirrizulta gustifikata w timmerita konferma, stante li l-konvenuti ghamlu l-pagament dovut fil-mori tal-kawza.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill- konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici l-**

**ispejjez tal-kawza w l-imghax mid-data tal-*invoice* relattiva, w cioe' mill- 4 ta' April 2009.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------